MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2003

Numru. 140/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs-**
**CHARLIE ANDREW CORDINA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat CHARLIE ANDREW CORDINA bin Alfred u Mary Jana nee Pace, residenti fil-fond Sta. Maria, Triq Gdida Fi Triq l-Ewropa, Victoria, detentur tal-karta tal-identita` numru 160087 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-sbatax ta' April, 2003 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija u anki qabel dan il-hin fl-istess gurnata, fi Pjazza President J.F. Kenndy, Rabat, Ghawdex, iddepozita u halla f'post fil-berah landi u boroz taz-zibel u fliexken sabiex dawn jigu migbura meta dan id-depozitu ma sarx f'hinijiet ragonevolment vicin ghal u

qabel il-hin li fih ordinarjamet isir gbir taz-zibel f'dan il-post.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` l-artikolu 4 tal-Kap 206.

Semghet lil Dottor Franco Mercieca u PS 1346 bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed min jeddu b'mod volontarju u dan fis-seduta tal-24 ta' Lulju, 2003.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-okkorrenza tal-Pulizija esekuttiva u r-ritratt.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta pprovata b'mod soddisfacenti u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------